## Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u tal-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu XIX u l-Bidu tas-Seklu XX (II)

# Il-Festi Esterni

Fl-edizzjoni tal-pubblikazzjoni *Lapsi* tas-sena li għaddiet, konna bdejna nagħtu ħarsa lejn sors ġdid ta' informazzjoni fuq il-ħajja tal-Parroċċa ta' San Ġiljan fis-snin ta' wara t-twelid tagħha fl-1891. Dan kien ktieb ta' kontijiet u spejjez: *libro esito* tal-*Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano*; instab fl-Arkivju San Ġiljan u fih minjiera ta' tagħrif fuq il-ħajja reliġjuża tal-komunità Ġiljaniża u tax-xogħlijiet li kienu qed isiru fil-knisja neo-parrokkjali fl-aħħar tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Bħalma għedt fl-edizzjoni li għaddiet dan il-ktieb ta' ħlasijiet li saru mill-prokura msejħa "tal-lampier" huwa reġistru ta' kontijiet imħallsa minn din il-prokura sa mill-1895 sa l-1904, fosthom ħlasijiet li saru għall-ispejjeż tal-festi interni u esterni marbuta mal-festa titulari ta' San Ġiljan Ospidalier. In-nuqqas ta' dokumentazzjoni fuq il-festa titulari kien wassalni biex fil-kitba tiegħi fuq dan is-sors għall-ewwel nikkonċentra fuq il-festi li kienu jsiru ad unur il-patrun tal-knisja, li sa mill-qedem, fis-seklu XVI, in-nies tal-inħawi kienet devota tiegħu u kienet tiffrekwenta l-knisja dedikata lilu.

Fl-ewwel kitba mis-sensiela, tkellimna fuq l-avvenimenti importanti ta' dawn is-snin u fuq dak kollu li kien jagħmel il-festi interni: il-priedki tat-tridu, paniġierki, il-*capelli di musica* ta' Alberto Vella u tal-familja Nani, il-wirt mużikali li ħallewlna, u t-tħejjijiet li kienu jsiru fil-knisja għal din l-okkażjoni speċjali fil-ħajja tal-komunità parrokkjali. Din is-sena, imiss issa li nagħtu ħarsa lejn il-festi li kienu jsiru fit-toroq ta' madwar il-knisja u saħansitra fuq l-ilmijiet li jdawwru x-xatt tal-baħar ta' din il-lokalità sabiħa.

**Il-Festi Esterni**

Bla dubju ta' xejn, il-festi tradizzjonali Maltin jafu l-bidu tagħhom f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja. Il-festi twieldu ġewwa l-knisja u dan il-fatt għandna nibqgħu ngħożżuh. Madankollu, maż-żmien, it-toroq tal-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin bdew isiru bħallikieku estensjoni tal-knisja; fejn il-poplu ma baqax juri t-twemmin Nisrani u l-ferħ li jġib miegħu billi jattendi għall-funzjonijiet liturġiċi tal-knisja biss, iżda beda jesprimi d-devozzjoni u l-ferħ tiegħu għall-qaddis jew qaddisa patruna billi jittrasforma t-toroq f'ġenna ta' mixgħela, bnadar, pavaljuni, bandalori u statwi; fid-daqq ta' strumenti mużikali; fl-isparar ta' maskli, murtali u musketteriji; u saħansitra f'attivitajiet oħra bħal tiġrijiet tal-bhejjem u l-ġostra.[1]

F'San Ġiljan il-bidu tal-festi esterni jeħduna lura għaż-żmien fejn il-knisja kienet tiċċelebra l-festa ta' Santa Marija fil-15 ta' Awwissu jew il-Ħadd ta'

wara. Achille Ferris, fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo*, jgħidilna li sa mill-qedem, il-knisja kienet iddedikata lil San Ġiljan, iżda kienet magħrufa bħala '*Ta' Lapsi*', u l-kwadru titulari kien iddedikat lill-Assunta.[2] Kien żmien meta moviment Marjan kien irnexxielu jbiddel it-titular tal-knisja u għalhekk il-festa titulari saret dik ta' Marija Mtellgħa s-Sema.[3] Diversi edizzjonijiet ta' gazzetti lokali jagħtuna xhieda ta' dan u tal-fatt li l-festa kienet tiġi ċċelebrata mhux biss fil-knisja, iżda barra. *The Malta Mail*, fid-19 t'Awwissu 1842 tirrapporta li l-Gvernatur kien żar lill-Onorevoli Sir Aspinalt fir-residenza tal-villeġġjatura tiegħu f'San Ġiljan fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. F'din il-festa kienet saret il-mixgħela u anke l-logħob tan-nar. Il-Gvernatur assista ukoll għal-logħba tradizzjonali tal-ġostra u saħansitra offra somma flus bħala t-tieni premju.[4]

Il-festa ta' Santa Marija kellha diversi ingredjenti li jagħmlu festa esterna, ovvjament bil-limitazzjonijiet ta' dawk iż-żminijiet. Il-mixgħela kienet issir lejliet u nhar il-festa[5] u ġieli kienet tinkludi ukoll il-Palazz ta' Spinola, li f'dan iż-żmien kienet isservi ta' villa tal-Ġiżwiti.[6] Fl-1860 il-festa kienet tinkludi ukoll il-logħob tan-nar u l-ġostra u l-attendenza tal-poplu kienet waħda kbira.[7]

### Festa Esterna f'ġieh San Ġiljan

Fil-kitba tiegħi fil-pubblikazzjoni tas-sena li għaddiet, kont semmejt li sorsi jgħidulna li l-festa ta' San Ġiljan kienet iċċelebrata b'festi interni, kif ukoll esterni, fis-sena 1877.[8] Dan huwa l-ewwel ħjiel li għandna s'issa ta' festa esterna ad unur il-Patrun San Ġiljan. F'din is-sena saru l-mixgħela, logħob tan-nar u l-ġostra, kif kien sar fl-imgħoddi meta l-festa kienet tkun ad unur l-Assunta. Madankollu, issa kien żdied element ieħor tal-festa esterna: il-baned. Dawn ma jissemmewx fil-festa ta' Santa Marija iżda jibdew jissemmew fil-festa ta' San Ġiljan. Fl-1877 il-poplu kien imferraħ bid-daqq ta' tliet baned: '*La Nazionale Vincitrice*', li llum hija magħrufa bħala l-Banda '*King's Own*' tal-Belt Valletta u '*quelle della Floriana e Birchircara*'. Dawn tal-aħħar mhumiex imsemmija bl-isem imma huwa wisq probabbli li dik tal-Furjana hija l-banda *De Vilhena* li twaqqfet uffiċjalment fl-1874[9] u li għadha sa llum l-unika banda fl-istorja ta' dan is-subborg.

Jidher hawn li d-dedikazzjoni tat-titular kienet reġgħet tbiddlet. Il-komunità Ġiljaniża kienet riesqa lejn dak li kienet ilha titħabat għalih: it-twaqqif ta' parroċċa. Il-kisba ta' dan it-titlu fl-1891 fisser entużjażmu ġdid u dan il-fatt, kif ukoll il-wasla tal-vara titulari fil-lejl tat-13 ta' Awwissu 1893, bilfors wassal biex il-festa tikber u tiġi ċċelebrata b'mod xieraq kemm ġewwa u kemm barra l-knisja. Dan huwa żmien fejn il-poplu għamel minn kollox biex sebbaħ dan it-tempju għażiż taħt it-tmexxija tal-Kappillan Ġużeppi Xerri u l-prokuratur ħabrieki Dun Ġiljan Zammit. Il-liturġija fil-knisja kienet mogħtija importanza



– xhieda ta' dan huma l-festi li kienu jiġu ċċelebrati, fuq quddiem dik ta' San Ġiljan. Dan l-entużjażmu żgur li kien beda jiġi rifless ukoll fit-toroq tal-madwar tal-knisja.

F'dan il-ktieb ta' kontijiet insibu l-ħlasijiet għall-festi esterni li saru mill-1896 sa l-1902.[10] Il-festi esterni ma sarux fis-sena 1903, iżda fuq dan nitkellem aktar 'il quddiem f'dan l-artiklu. L-ispejjez magħmula kienu prattikament fuq l-elementi kollha li għadhom sa llum isawwru festa tradizzjonali Maltija, u magħhom dik ta' San Ġiljan: l-armar, il-logħob tan-nar, il-baned, il-ġostra u oħrajn.

**L-Armar**

Iż-żmien li qegħdin nitkellmu dwaru huwa żmien ferm il-bogħod minn dak tal-armar sofistikat li qed naraw fil-festi Maltin u Għawdxin ta' llum. Huwa żmien fejn ma nsibux il-materjali tal-*fibreglass*, drapp ta' kull kwalità, u żebgħa *acrylic* li tiflaħ għall-elementi. Huwa żmien il-bogħod mill-armar barokk li qed isir illum il-ġurnata, fejn is-sengħa tal-Maltin fil-ħjata ta' bandalori u pavaljuni kbar u mimlija diżinni, sfumati b'ħila minn artisti żgħażagħ u mżejna b'pittura mill-ifjen, jiddominaw il-wesgħat tal-pjazez u t-toroq tal-ibliet u l-irħula Maltin. Madankollu hawn jinsab l-għeruq tal-armar tal-festi tagħna. Missirijietna kienu l-ewwel li ħolmu biex permezz tal-armar it-toroq tagħna bħallikieku jilbsu libsa ta' ġmiel, isiru estensjoni tal-knisja u manifestazzjoni ħajja tal-użu tat-talenti li tana l-Mulej biex infaħħruh. L-ambizzjoni tad-dilettanti tal-armar ta' llum ukoll mhijiex xi ħaġa ġdida, iżda għandha l-għeruq tagħha f'missirijietna. Xhieda ta' dan huwa l-kobor tal-armar antik li writna bħala poplu Malti, fosthom l-ark trijonfali li jintrama fil-festi ta' San Ġużepp,



*It-tazzi taż-żejt li kienu jintużaw għall-mixegħla fil-festa ta' dari.*
*(Ħajr: Guido Lanfranco)*

*Corpus Domini*, u l-Appostlu Missierna San Pawl fir-Rabat, u San Publiju fil-Furjana, kif ukoll is-siġar ornamentali li jintramaw fl-istess festa ta' San Ġużepp u fil-festa tas-Salvatur f'Ħal-Lija.[11]

Fl-arkivji parrokkjali jeżistu ritratti li jeħduna lejn żminijiet bikrin tal-festa esterna Ġiljaniża, fejn jidhru z-zuntier ta' dik li kienet il-knisja parrokkjali u x-xatt tal-Bajja Spinola, mżejna bil-liedna friska maħduma mill-weraq, trofej, bnadar, bandalori, u statwi ta' anġli flimkien ma' dik tal-Papa Ljun XIII.

Madankollu dan il-ktieb ta' kontijiet jeħodna aktar lura fiż-żmien. Fl-1896, it-toroq ta' San Ġiljan kienu għadhom jitkebbsu bid-dawl tal-imsiebaħ tal-pitrolju, kif kienu d-djar tal-Ġiljaniżi.[12] Għaldaqstant fil-festa l-faċċata tal-knisja parrokkjali u t-toroq tal-madwar kienu mixgħula għall-okkażjoni minn persuna mqabbad għal tal-apposta, bil-fjakkli u t-tazzi taż-żejt. Fl-1896 il-Prokura tal-Lampier ħallset lil ċertu Carmelo Agius is-somma ta' għaxar liri u għaxar xelini '*per illuminazioni*'. Ma' dawn tħallsu l-ispejjez ta' xelin u ħames soldi għal-fjakkli vojta u t-trasport tagħhom; xelin, sold u nofs għall-ftajjel, u għaxar xelini għaż-żejt.[13] Is-sena ta' wara daħal fix-xena Antonio Borg li tħallas għaxar liri, tnax-il lira u għaxar xelini, u għaxar xelini għall-mixgħela tal-festa titulari tal-1897, l-1898, u l-1899 rispettivament. F'dawn is-snin sar ukoll ħlas għall-ispejjez tal-fjakkli. Dan jagħtina indikazzjoni li l-mixgħela kienet issir permezz ta' tazzi taż-żejt. Fis-sena ta' wara l-persuna inkarigata kienet G. Borg[14], probabbli wieħed mill-familjari ta' Antonio Borg.

Fil-festa ta' San Ġiljan tal-1901 u 1902 jidher li kien hemm innovazzjoni. Hawnhekk insibu, mhux biss bidla fl-isem tal-persuna responsabbli, li issa huwa ċertu Giuseppe Refalo, iżda l-introduzzjoni ta' ħlasijiet imniżżla ma' dawk tal-festi esterni għall-gass. Dan jindikalna li probabbilment dan seta' beda jintuża fil-mixgħela tal-faċċata tal-knisja u t-toroq tal-madwar għall-ġranet tal-festa. Dawn il-ħlasijiet ammontaw għal żewġ xelini u sitt soldi fl-1901[15] u għal tliet xelini fl-1902.[16] Fl-1901 sar ukoll ħlas għall-fjakkli imma dawn għosfru fl-1902. Jista jkun li l-gass kien beda jsir aktar popolari. Nafu diġà li fi ftit każijiet dan is-servizz ta' illuminazzjoni bil-gass kien ipprovdut minn '*The Malta and Mediterranean Gas Company*' lill-kumpaniji f'Tas-Sliema.[17]

Minbarra l-mixgħela ma nsibux ħafna riferenzi għal spejjeż oħra fir-rigward tal-armar fir-rendikonti tal-festi esterni f'dan il-ktejjeb ta' kontijiet. Madankollu xi riferenzi jippruvaw li missirijietna kienu ukoll qed jirsistu biex ikabbru l-festa esterna billi jżidu l-armar fit-toroq. Fir-rendikont tal-festa tal-1896 insibu notament tal-ħlas ta' ħames liri lil '*L.Rocco per pedestallo di un angelo*'.[18] Dan jagħtina x'nifmhu li kienu qed isiru xi statwi biex iżejnu l-wesgħat ta' barra l-knisja. Konferma ta' dan insibuha f'notamenti ta' ħlasijiet li saru fil-15



t'Awwissu tas-sena ta' wara fejn insibu ħlas ta' tmien liri '*al Sig. C. Darmanin per una statua rappresentante un angelo*'. Din hija riferenza ċara għall-artist Senglean Karlu Darmanin u konferma li l-anġli li għadhom sa' llum jagħmlu parti mill-patrimonju tal-Knisja ta' Lapsi huma filfatt tal-Karlozzu, kif dejjem issuspettajna minħabba l-istil tagħhom. F'din il-ġurnata reġa' tħallas l-istess somma ta' ħames liri għal pedestall ieħor Lorenzo Rocco, filwaqt li ċertu G.C. Busuttil tħallas għad-drapp ta' bandiera għall-anġlu. Fis-27 t'Awwissu tħallsu l-ispejjeż għat-trasport tal-istatwa li ammontaw għal żewġ xelini u disa' soldi. Saret ukoll għata għal meta jintrefa dan l-anġlu.[19]

Dan il-*Libro Esito* jagħtina xhieda ta' relazzjoni li kienet stabbiliet ruħha bejn il-Ġiljaniżi u Karlu Darmanin, li tahom l-aktar opra artistika għal qalbhom: l-istatwa titulari tal-Qaddis Patrun San Ġiljan Ospidalier, li twasslet il-knisja fil-lejl tat-13 t'Awwissu 1893[20], kif għedna kemm-il darba. Darmanin baqa jaħdem għall-Knisja ta' San Ġiljan. Fl-1896 lesta l-istatwa devota tal-Madonna ta' Lourdes.[21] Jidher li dan l-istatwarju famuż fit-teknika tal-kartapesta, kien jiġi jżur il-knisja meta kien qed jaħdem xi opra tal-arti għaliha. Għal dan il-għan il-Prokura tal-Lampier kienet tħallaslu trasport permezz ta' *carozzella.*[22] Fi Frar tal-1896 jidher li Darmanin żar il-knisja, filwaqt li min kien qed jikteb in-notamenti f'dan il-ktejjeb ta' kontijiet (kif spjegajt is-sena l-oħra probabbilment kien Dun Ġiljan Zammit - Prokuratur tal-Knisja) uża l-istess servizz ta' trasport biex iżur lil Darmanin xahar wara. F'dan iż-żmien Darmanin kien qed jagħmel xi xogħol ta' żebgħa fuq kurċifiss li għalih tħallas is-somma ta' erba' xelini fit-8 t'April.[23] Nota interessanti tgħidilna ukoll li Karlu Darmanin kien attenda għall-festa ta' San Ġiljan fl-1902 għaliex mar-rendikont hemm imniżżel li l-prokura ħallsitlu t-trasport bil-karrozzin li sewa żewġ xelini u sitt soldi.[24]

Spejjeż oħra mniżżla għall-armar tal-festa jinkludu dawk għall-kruċetti tal-bnadar[25] u tiswijiet u żebgħa ta' pedestall minn Francesco Grech fl-1901.[26]

**Il-Baned**

Dan il-perjodu li fuqu qed nitkellmu huwa l-bogħod minn dak iż-żmien li fih Dun Pawl Galea ġabar grupp ta' żgħażagħ fid-Domus (dar tad-duttrina) li kien waqqaf fi Triq Birkirkara, u ħajjar lil Angelo Pullicino sabiex ikompli jħarriġhom fid-daqq tal-mużika u jifforma banda, liema banda kellha tingħaqad maċ-*Circolo San Giuliano* u ssir iċ-*Circolo Filarmonika San Giuliano* fl-1927.[27] Huwa żmien aktar u aktar il-bogħod mit-twaqqif tat-tieni banda ġewwa San Ġiljan minn Ġiljan Bonello fl-1987. Għaldaqstant, il-baned li kienu jieħdu sehem fil-festa titulari f'dan iż-żmien kienu jkunu baned mistiedna mill-kappillan. F'dan il-ktieb ta' kontijiet tal-*Procura della Veneranda Lampade di San Giuliano* hemm imniżżla diversi ħlasijiet li saru mill-prokura lil għadd ta' baned li ta' kull sena kienu jallegraw il-poplu Ġiljaniż fil-jiem tal-festa



*Dettall minn ritratt mhux datat li fih jidher xi armar antik, fosthom statwa tal-Papa. Din l-epoka tiġi ferm wara dik li qed nitkellmu dwarha.*

tal-patrun tiegħu. Irridu niftakru li t-tieni nofs tas-seklu XIX 'l quddiem ra twaqqif, żvilupp u espansjoni mgħaġġla ta' baned fl-ibliet u rħula Maltin, frott ta' fatturi soċjali influwenzati minn dak kollu li kien għaddej minnu l-pajjiż. L-introduzzjoni tal-baned fuq bażi parrokkjali kien fih innifsu fattur politiku magħġun minn żewġ komponenti li ddominaw il-ħajja politika ta' Malta: il-Kolonjaliżmu Ingliż, bl-eżempju tal-baned militari li kienu preżenti f'pajjiżna tul il-ħakma Ingliża, u l-kultura tradizzjonalment Taljana ta' Malta, bl-influwenza ta' refuġjati Taljani li daħħlu drawwa tagħhom minn Sqallija, dik li l-festi tal-qaddisin jiġu ffesteġġjati minn baned organizzati f'każini.[28] Dan il-fatt wassal ukoll sabiex jikbru l-firdiet bejn il-poplu Malti bi twaqqif ta' partiti, bil-piki u l-parteġġjaniżmu parrokkjali li dan iġib miegħu.[29]

Fil-festa ta' San Ġiljan ta' bejn l-1896 u l-1902 ħadu sehem għadd ta' baned, kif jixhdu r-rendikonti tal-festi esterni nklużi f'dan ir-reġistru ta' ħlasijiet. F'sena waħda kienu jieħdu sehem mhux anqas minn tliet baned differenti, b'għad ta' servizzi. Ma' dawn wieħed isib is-sehem tal-baned militari li kif semmejna aktar 'l fuq, kienu parti integrali mill-preżenza tal-ħakkiema Ingliżi f'pajjiżna u li servew ta' mudell sabiex fuqhom jitwaqqfu l-baned lokali. Baned militari ħadu sehem fil-festi tal-1900 u tal-1901 u tħallsu s-somma ta' żewġ liri.[30] Sfortunatament ma nsibux dettalji dwar ta' liema reġiment kienu dawn il-baned militari. Ma' dawn il-baned ngħoddu ukoll is-sehem ta' baned imsejħa '*banda comune*', li x'aktarx kienu jkunu organizzati minn individwi fuq il-mudell ta' dik ta' Indri Borg li, skond Pietru Pawl Castagna, kien waqqaf l-ewwel banda nazzjonali fl-1860.[31] Fl-1898 u l-1899 tħallset is-somma ta' tliet liri u sitt xelini għal erba' servizzi ta' banda ta' din ix-xorta[32], filwaqt li fl-1897, 1901 u l-1902 jiġu identifikati lil min saru l-ħlasijiet u għalhekk min kien jorganizza dawn il-baned: Giuseppe Agius, Paolo Borg, Vincenzo Griscti u G. Pollidano.[33] Bejn l-1900 u l-1902 ħadet sehem ukoll fil-festa ta' San Ġiljan Ospidalier banda tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun jew l-Istitut Bonnici, kif kien magħruf għall-fundatur tiegħu Monsinjur F. Bonnici li waqqfu fl-1888.[34] Din probabbilment kienet twaqqfet sabiex permezz tas-

servizzi li tagħti, tiġbor xi ħaġa tal-flus għat-tmexxija ta' dan l-istitut. Għal din l-okkażjoni kienet titħallas is-somma ta' ħames liri.[35]

Forsi iżda ta' aktar interess huma l-baned Maltin li kienu qed jiġu mwaqqfa f'dan iż-żmien u li kienu jiġu mistiedna mill-parroċċa l-ġdida ta' San Ġiljan biex jieħdu sehem fil-festa tat-titular tagħha. Fost dawn hemm numru li llum bidlu isimhom jew li m'għadhomx jeżistu. Fl-1896 ġew mistiedna jipparteċipaw fil-festa tliet baned, bi tnejn minnhom ikunu l-Banda *Prince of Wales* u l-Banda *Duke of York*.[36] L-ewwel banda li llum hi magħrufa bħala l-*King's Own* tal-Belt, bidlet l-isem tagħha diversi drabi fl-istorja, fejn fost l-ismijiet insibu: *La Nazionale Vincitrice*, u *HRH The Prince of Wales' Band*. Meta l-Prinċep ta' Wales sar Re tar-Renju Unit fl-1901, il-Banda bidlet l-isem tagħha għal *King's Own* wara li għamlet talba formali.[37] Ironikament, it-tieni banda msemmija, l-Banda *Duke of York,* illum iġġib l-isem *Prince of Wales Own* tal-Birgu. Għas-servizz ta' dawn il-baned tħallsu s-somma ta' erba' liri G. M. Galea għall-Banda *Prince of Wales* u żewġ liri u għaxar xelini G. Merilli għall-Banda *Duke of York* rispettivament. Interessanti ukoll li mal-ispejjeż tal-festa esterna ta' din is-sena nsibu ħlas ta' sitt xelini għal karozzin '*per Sig Hare*'. [38] F'dawn is-snin is-Surmast Alfred Hare kien qed imexxi l-Banda *Duke of York* tal-Birgu[39] u għalhekk huwa probabbli li l-Ġiljaniżi ħallsu ukoll għat-trasport tas-surmast ta' din il-banda. Fis-sena 1901 ħadet sehem ukoll banda oħra li bidlet isimha tul iż-żmien. Din kienet il-Banda *Duke of Edinburgh* li tħallset is-somma ta' tliet liri u erbatax-il xelin. Din il-banda tal-Belt Vittoriosa ssemmiet għad-Duka ta' Edinburgh fl-1891 u reġgħet bidlet l-isem tagħha għal dik ta' Banda Vittoriosana San Lawrenz fl-1978, kif baqgħet magħrufa sa llum.[40]



*Wieħed mill-anġli ta' Darmanin, illum miżmuma fil-gallerija tal-orgni*

Dan il-ktieb ta' kontijiet jikkonferma ukoll il-parteċipazzjoni fil-festa ta' baned li llum m'għadhomx jeżistu jew li tul iż-żmien taw ħajja għal għaqdiet mużikali oħra. Fl-1897 ħadet sehem fil-festa l-Banda *La Stella* ta' Birkirkara, flimkien mal-Banda '*La Pace del Naxxaro' li* għadha sa llum taqdi parti attiva fil-ħajja mużikali u soċjali tan-Naxxar. F. Sciberas (għal żewġ servizzi tal-ewwel banda) u Salv Camilleri (għal servizz tat-tieni banda) tħallsu s-somma ta' erba' liri u għaxar xelini, u żewġ liri u għaxar xelini

rispettivament. Dokumentazzjoni fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* turina li din il-banda *La Stella* kienet attiva f'Birkirkara fl-1892, u fl-1899 kienet għadha teżisti taħt it-tmexxija mis-Surmast G. Camilleri.[41] Hemm min isostni li din il-banda kienet magħrufa ukoll bħala 'Ta' Ħamsa' u baqgħet tiffunzjona sal-1905[42]. Mal-ispejjeż tal-festa tal-1899 insibu ħlas ta' erba' liri u għaxar xelini għal tliet servizzi '*della Banda della Sliema*'. Il-Banda Stella Maris u l-Banda Sliema, li għadhom attivi llum, twaqqfu fl-1914 u fl-1923 rispettivament u għalhekk ma setgħux ipparteċipaw fil-festa tal-1899. Lanqas ma kienet il-Banda Melita għaliex din għamlet id-debutt tagħha fl-1900. Għalhekk din ma setgħetx kienet ħlief il-Banda '*I Cavalieri di Malta*' li twaqqfet fl-1886 u kienet titmexxa mis-Surmast Miruzzi. Din il-banda ngħaqdet flimkien mal-Banda Melita f'banda waħda bl-isem ta' *Queen Victoria* fl-1904, iżda din spiċċat fix-xejn fl-1908.[43]

Baned oħra li nsibu f'dawn ir-rendikonti mhumiex imsemmija bl-isem iżda biss bil-lokalità. Fost dawn hemm dawk ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1896 (tħallas M.Zammit) u fl-1898, tal-Floriana fl-1898 u l-1900, tal-Birgu fl-1899 u ta' Birkirkara fl-1902. Ma nistgħux inkunu nafu liema banda hija dik ta' Ħaż-Żebbuġ għaliex kemm il-Banda San Filep u l-Banda De Rohan twaqqfu qabel dawn id-dati u għalhekk setgħu ħadu sehem it-tnejn. Fir-rigward tal-banda Furjaniża nistgħu ngħidu kważi b'ċertezza li din hija l-Banda *Vilhena*. Iż-żewġ baned mill-Belt Vittoriosa ħadu sehem fil-festi ta' l-1896 u l-1901 rispettivament u għalhekk ma nistgħux ngħidu liema minnhom ħadet sehem fl-1899. U l-istess ngħidu għall-banda Karkariża tal-1902.

Kuntrarju għal-lum jidher li ma kienx hemm prezz stabbilit għal servizz ta' banda u dan kien ivarja skond il-popolarità u t-tip tal-banda. Madankollu kull banda kienet tingħata trattament żgħir tal-okkażjoni. Dan il-ktieb ta' kontijiet jagħtina ukoll l-ismijiet ta' dawk li kienu jorganizzaw it-trattament fosthom: G. Bartolo, G. Schembri, Francesco Schembri, Alberto Debono u oħrajn. Jidher li l-brijju ma kienx jonqos f'dan iż-żmien ukoll, b'ħlasijiet ta' xelin u sitt soldi jsiru fl-1896 għall-'*vino per la marcia del 30 Agosto*', u ta' żewġ xelini u sitt soldi fis-sena ta' wara għall-marċ ta' jum il-festa, probabbli dak ta' filgħodu. Fl-1901 u l-1902 saru ħlasijiet lis-Sur Borg Olivier għall-birra. Mela missirijietna ukoll ma kienux jibqgħu lura mill-qatra fil-festi!

### In-Nar

Il-logħob tan-nar, imdawwar kif inhu dejjem aktar bil-polemiċi, jibqa' sinonimu mal-festa Maltija. Għaliex, ngħiduha kif inhi, festa mingħajr nar hija festa mingħajr ħoss u festa nieqsa mill-kulur! Fuq l-oriġini tal-logħob tan-nar f'pajjiżna, miġjub minn barra x-xtut tagħna l-ewwel mill-ħakkiema tagħna, u aktar tard minn esperti barranin[44], inkiteb ħafna minn awturi prolifiċi aktar minni fis-suġġett. Il-kollega tiegħi Andrew Borg kiteb ukoll fuq id-dilettanti tan-nar f'San Ġiljan f'artiklu li deher fil-pubblikazzjoni *San Ġiljan* tal-2008,



*Il-maskli użati għan-nar fil-festa ta' dari.*
*(Ħajr: Guido Lanfranco)*

fejn silet minn intervisti li għamel ma' dilettanti li ħadmu l-logħob tan-nar għall-festa tagħna, biex sawwar stampa ċara fuq l-istorja ta' dan l-aspett tal-festa, li dokumentazzjoni fuqu ftit li xejn kienet teżisti. Madankollu dan is-sors jeħodna lura aktar fiż-żmien għall-bidu tal-festa ta' San Ġiljan, fejn kien jeżisti ukoll il-logħob tan-nar.

Naturalment, il-logħob tan-nar ta' dawn iż-żminijiet huwa ferm il-bogħod mill-ispettakli li komplew jikbru u li aħna mdorrijin bihom fil-ġranet ta' llum, anke fil-lokalità tagħna. Madankollu l-festa ta' San Ġiljan ma kienitx nieqsa minn dan l-ingredjent anke f'dawn iż-żminijiet. Il-ħlasijiet li nsibu f'dan il-ktieb ta' kontijiet huma ħafna drabi għall-porvli, bombi, murtaletti u logħob tan-nar tal-art. Fl-1896 tħallsu lira u tmintax-il xelin lil Damiano Felice għall-porvli tal-isparar, lira u sebgħa xelini lil ċertu V.Grech għall-manifattura u trasport ta' murtaletti u tliet liri u għaxar xelini lil Carmelo Spiteri '*per due guochi di fuoco*'. Dan tal-aħħar baqa' jaħdem in-nar tal-art bi prezzijiet varji fl-1987, 1900 u 1901, fejn ħadem ukoll xi bombi li ġew imħallsa mill-Prokura tal-Lampier. Tul dawn is-snin tħallsu ukoll diversi persuni għal 'bombi', fosthom: Lorenzo Cauchi fl-1897, l-1900, l-1901 u l-1902 (bl-għola prezz ikun ta' erba' liri fl-1897), Filippo Bugeja fl-1900, u fl-aħħar u mhux lanqas b'mod kurjuż tħallset l-armla Carmela Spiteri s-somma ta' sittax-il xelin għal-'bombi' fl-1902. Jidher ukoll li miż-żewġ biċċiet tan-nar tal-art maħduma minn Carmelo Spiteri fl-1896, kompla jiżdied fil-festa u fl-1901 u l-1902, fejn żdiedu biċċiet tal-ġiġġifogu maħduma minn Giovanni Ellul u Enrico Camilleri li ħadu post Spiteri. [45]

## Il-Ġostra

Il-motto tal-lokalità tagħna huwa '*Litoris Aquas Sinuato Margine Cingo*', u jfissier 'Fi ħdan l-Art imdawwra bl-Ilmijiet tax-Xatt'. Hemm xi kliem aktar adattati minn hekk biex jiddeskrivu l-ġmiel li kien San Ġiljan f'dawn iż-żminijiet qabel il-ħerba li kellu jġib miegħu l-iżvilupp tas-Seklu XX? Għalhekk wieħed ma jistax ma jimmaġinax li protagonista fil-festa kellha tkun il-bajja sabiħa ta' San Ġiljan, xenarju ta' ġmiel naturali ideali għaż-żvolġiment tal-festi f'ġieħ il-patrun. Drawwa interessanti li nibtet saħansitra mill-festa ta' Santa Marija, kif rajna aktar 'l fuq, kienet il-logħba tal-ġostra. Din il-logħba tibqa' sinonima mal-festa ta' San Ġiljan illum, u dan is-sors ikompli jikkonfermalna li kienet avveniment popolari għaliex kienu jintefqu l-flus fl-organizzazzjoni tagħha. Fl-1896 tħallsu ħames xelini għall-armar tal-arblu tal-ġostra, għaxar xelini għall-kiri u t-trasport tal-bnadar li kienu jitqiegħdu fuq l-arblu u tmien xelini għal banda. Il-ħoss tal-banda żgur li kien ikompli joħloq atmosfera festiva



*Il-ġostra fost l-eqdem elementi tal-festa tagħna. (Ħajr: Guido Lanfranco)*

f'xatt il-baħar fil-ġurnata sħuna t'Awwissu li fiha kienet tiġi ċċelebrata l-festa. Il-premju għar-rebbieħ kien jammonta għal erbatax-il xelin. Spejjeż simili għal din il-logħba tradizzjonali jinsabu mniżżla fir-rendikonti kollha ta' bejn l-1986 u l-1902 bl-eċċezzjoni tas-sena 1901. Din hija prova li f'dawn is-snin din l-attività kienet tagħmel parti mill-programm tal-festa titulari.

## Meta l-Festa Esterna ma Saritx

B'kuntrast mar-rendikonti tal-festa ta' Ġiljan ta' bejn l-1896 u l-1902 inklużi f'dan il-ktejjeb ta' kontijiet, li fihom hemm maqsuma l-ispejjeż għall-festi interni u tal-festi esterni, fl-1903 nsibu rendikont wieħed biss li jinkludi l-festi interni. Mhux biss, iżda mal-ispejjeż tal-festi interni hemm inklużi dawk għall-mixgħela, li għalih Costantino Borg tħallas żewġ liri u xelin, u dawk ta' banda għall-purċissjoni li tħallset is-somma ta' żewġ liri u li kienet il-banda ta' l-Istitut Bonnici.[46] Jidher li l-festa esterna ma saritx ħlief il-purċissjoni ta' nhar il-festa. Anke l-ispiża tal-mixgħela tagħtina x'nifhmu li ddawwlu biss it-toroq tal-purċissjoni. Wieħed jistaqsi għaliex f'dik is-sena ma saritx il-festa esterna. Ir-risposta jagħtihielna dan is-sors stess għaliex f'Lulju nsibu annotazzjoni li tinkludi spejjeż għall-funeral tal-Papa, li ammontaw għal xelin u sitt soldi. Dawn il-ħlasijiet saru fil-31 ta' Lulju għall-quddiesa *proximo morti*. Fit-8 ta' Awwissu 1903, is-Surmast Alberto Vella, *Maestro di Cappella* residenti tal-knisja, tħallas ukoll żewġ liri u erba' xelini għall-mużika tal-istess funeral. Kien miet il-Papa Ljun XIII, li fil-pontifikat tiegħu San Ġiljan sar parroċċa. Il-Papa miet fl-20 ta' Lulju[47], ftit xhur wara li għalaq 25 sena fuq it-tron ta' Pietru. Dan l-anniversarju l-poplu Ġiljaniż kien fakkru b'ħerqa, għax kif jixhed l-istess sors organizzatlu mixgħela[48]. F'dan iż-żmien il-luttu għal mewt tal-Papa kien jinżamm b' mod strett u għalhekk il-festa esterna kellha titħassar.

## RIFERENZI:


1 Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003.
2 Achille Ferris, *Descizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 326-7.
3 Niki Papagiorcopulo, *Minn Viċi-Parroċċa għall-Parroċċa. Moviment Marjan Ibiddel it-Titular*, f'*Programm tal-Festa Każin Banda San Ġiljan (Awwissu 2007)* 53-55.
4 *The Malta Mail*, 19.VIII.1842.
5 *L'Ordine*, 17.VIII.1855, 21.VIII.1857.
6 Ibid., 21.VIII.1852, 18.VIII.1854.
7 Ibid., 24.VIII.1860.
8 Ibid., 31.VIII.1877.
9 Joseph Grech, *Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex. Standardi, Bandalori u Faċċati*, Malta 2001, 82.
10 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*.
11 Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 41-48.
12 Stanley Fiorini u Salv Mallia, *Aspetti Soċjali ta' San Ġiljan: 1900-1939*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, ta' Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 96.
13 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 5.
14 Ibid, 20.
15 Ibid, 23.
16 Ibid, 26.
17 Winston L. Zammit, *Tas-Sliema fl-Imgħoddi*, Malta 1981, 51.
18 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 6.
19 Ibid, 10.
20 *L'Ordine*, 14.VIII.1893.
21 Ibid, 25.VIII.1896.
22 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 2.
23 Ibid.
24 Ibid, 27.
25 Ibid, 10.
26 Ibid, 23.
27 Anon, *Banda San Ġiljan. Storja ta' 75 Sena: 1927-2002*, f'*Programm tal-Festa Każin Banda San Ġiljan (Awwissu 2002)* 9-10.
28 Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, Malta 2000, 96-100.
29 Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 33-38.
30 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 20, 22.
31 Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, Malta 2000, 96-100.
32 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 14, 17.
33 Ibid, 11, 23, 26.
34 Arċidjoċesi ta' Malta (on-line): http://maltadiocese.org/lang/mt/parishes/santa-venera/ [5 Mejju 2010].
35 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 20, 23, 26.
36 Ibid, 6.
37 King's Own Band Club (on-line): http:www.kingsownband.org.mt/kingsownband/history.asp [5 Mejju 2010].
38 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 6
39 Joseph Grech, *Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex. Standardi, Bandalori u Faċċati*, Malta 2001, 37.
40 Ibid, 44.
41 Winston L. Zammit, *Birkirkara fis-Seklu XIX*, Malta 1995, 48-51.
42 Joseph Grech, *Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex. Standardi, Bandalori u Faċċati*, Malta 2001, 49, 55.
43 Winston L. Zammit, *Tas-Sliema fl-Ewwel Nofs tas-Seklu XX. 1901-1950*, Malta 2006, 97-105.
44 Charles Coleiro, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 51-55.
45 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 6-26.
46 Ibid, 29.
47 The Holy See (on-line): http://www.vatican.va/holy_father/leo_xiii/index.htm [5 Mejju 2010].
48 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 29.


